MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 70/2013

**Ivan u Romilda Mary konjugi Vella**

**vs**

**Philippa armla minn Joseph Mangion**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Ivan u Romilda konjugi Vella li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

B’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat sittax (16) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (16/12/2010) (Dok A) ir-rikorrenti akkwistaw:

a) Porzjon diviza ta’ art mill-ghalqa maghrufa “Ta’ Campra” f’kuntrada ta’ “Ghajn Rihana” limiti ta’ Burmarrad, tal-kejl superficjali ta’ cirka tmien mija u tmienja u sittin punt tnejn metri kwadri (862.2mk) konfinanti mit-tramuntana ma’ gid ta’ Carmelo Cascun jew l-aventi kawza tieghu, mill-Lvant ma’ Triq Burmarrad u minn nofsinhar ma’ gid tal-familja Vella jew irjieh ohra verjuri, libera u franka bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi taghha kollha ndikata bl-ittra C numru wiehed (C1) fuq l-annessa pjanta, u

b) Porzjon diviza ta’ art mill-ghalqa maghrufa “Ta’ Campra” f’kuntrada ta’ “Ghajn Rihana” limiti ta’ Burmarrad, tal-kejl superficjali ta’ cirka sebgha mija u wiehed punt tmienja sitta metri kwadri (701.86mk) konfinati mill-punent ma’ gid ta’ Joseph Scerri jew l-aventi kawza tieghu, mill-Lvant in parti ma’ gid ta’ Carmelo Cascun jew l-aventi kawza tieghu u in parti ma’ porzjoni ma’ porzjoni ittra C numru wiehed (C1) proprjetà tar-rikorrenti u mit-tramuntana ma’ gid ta’ Rita Fenech jew irjieh ohra verjuri, libera u franka, bid-drittijiet, giustijiet u l-pertinenzi kollha taghha.

Ir-rikorrenti akkwistaw l-istess proprjetà minghand certa Doris mart Joseph Borg li da parti taghha giet minnha akkwistata b’kuntratt ta’ divizjoni datat dsatax (19) ta’ Lulju tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin (19/07/1984) (Dok B).

L-awtur tal-ahwa Vella ossia missierhom Paolo Vella kien akkwista l-istess art flimkien ma' proprjetà ohra in forza ta' att ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppe Sammut datata hdax ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija tnejn u sittin (11/12/1962) (Dok C).

L-intimata kienet wahda mill-kondividenti fuq l-istess kuntratt ta' divizjoni tad-dsatax (19) ta' Lulju 1984 peress illi l-awtrici tar-rikorrenti u l-intimata huma ahwa ulied l-istess Paolo Vella.

L-intimata qeghda tippretendi li ghandha xi dritt ta' xi passagg bir-rigel minn fuq il-proprjetà meritu ta' din il-kawza sabiex taccedi ghall-proprjetà taghha li qeghda fuq it-triq principali fi Triq Burmarrad, Burmarrad. Illi di fatti hija ghandna porzjoni diviza ta' art mill-ghalqa maghrufa "Ta' Campra" kuntrada ta' Ghajn Rihana limiti ta' Burmarrad. Dina hija sitwata 'l isfel mill-proprjetà tar-rikorrenti u hemm zewg proprjetajiet ohra, wahda ta' certa Rita Fenech u ohra ta' certu Darren Grima li qeghdin jiddividu l-proprjetà rispettiva tal-kontendenti.

Jirrizulta mill-istess kuntratti u pjanti hemm annessi li tali passagg ma jezistix u li qatt ma kien hemm tali dritt.

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-prorjetà tar-rikorrenti ma hijiex soggetta ghall-ebda dritt ta' servitu jew passagg bir-rigel a favur tal-proprjetà ta-intimata;

2. Tiddikjara li l-intimata ma ghandha l-ebda dritt tghaddi minn fuq il-proprjetà biex taccedi ghal proprjetà taghha;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex ma tghaddix minn fuq il-proprjetà tar-rikorrenti u/jew taccedi ghall-proprjetà taghha minn fuq il-proprjetà tar-rikorrenti u dana b'mod u manjiera permanenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata mill-lum ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, Philippa Mangion baqghet ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Rat l-affidavit prezentat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

Rat li, ghalkemm moghtija l-fakoltà li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, l-intimata m'ghamlet xejn minn dan.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimata m'ghandha ebda jedd ta' passagg bir-rigel minn fuq hwejjighom.

L-intimata baqghet kontumaci.

Doveruz lill-Qorti tenfasizza li skond l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati, il-kontumacja m'ghandha qatt titqies bhala ammissjoni tat-talbiet. Jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li dak li qed jitlob huwa fondat kemm fil-fatt kif ukoll fil-ligi.

Dan premess jirrizulta pruvat illi r-rikorrenti akkwistaw l-art taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Loredana Debono, kuntratt ippubblikat fis-16 ta' Dicembru 2010. Dan il-kuntratt ma jsemmix id-dritt ta' passagg tal-intimata. L-art *de quo* kienet ghaddiet ghand Doris Borg, minghand min xtraw ir-rikorrenti, permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat 19 ta' Lulju 1984. Precedentement, il-proprjetà kienet ghaddiet permezz ta' divizjoni wkoll, dan fil-11 ta' Dicembru 1962. Id-dritt ta' passagg li qieghed jigi vantat ma jirrizulta minn ebda wiehed minn dawn il-kuntratti li kollha ghandhom il-pjanti annessi maghhom. Inoltre, jirrizulta mill-pjanti illi l-proprjetà tal-intimata tmiss ma triq pubblika.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-rikorrenti irnexxielhom jippruvaw li t-talbiet taghhom huma fondati u jisthoqqilhom li jintlaqghu.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tal-intimata, tilqa' t-talbiet kollha ta' Ivan u Romilda Mary konjugi

Vella u tiddikjara illi l-proprjetà taghhom m'hijiex soggetta ghal ebda dritt ta' passagg jew servitu favur il-proprjetà tal-intimata.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Philippa Mangion.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------